MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 558/2003

**Amal Aluminium Works Limited**
**vs**

**Fithome Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu 2003, fejn intalab il-hlas ta' elf u tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm1343.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta ghal servizzi pprestati u materjal provdut fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 7 ta' Dicembru, 2002 bl-imghax legali mid-data meta kellu jsir il-pagament effettiv.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Norma Vella ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm1343.00) bl-imghax legali mit-3 ta' April, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 7 ta' Dicembru, 2002, ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------